# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 24 ta' Gunju 2021**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 160/2016 JVC**

**Michelle Christine Grixti (K.I. 566177(M))**

**vs**

**Doris Chetcuti (K.I. 359654(M)) u**
**Karen Chetcuti (K.I. 22982(M)) u**
**Rodianne Frendo (K.I. 032085(M)) u**
**Suzanne Camilleri (K.I. 361174(M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Michelle Christine Grixti kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

'**<u>DIKJARAZZJONI tal-Oggett tal-Kawza:</u>**

1. Illi l-mejjet Michael Chetcuti, bhala Testatur, b'karta tal-identita' numru 831349(M), halla b'titolu ta' legat, versu u a favur ta' martu Doris Chetcuti, l-uzufrutt u t-tgawdija tal-beni kollha tieghu, mobbli u immobli, u ezenta l-legatarja mill-obbligu tal-inventarjuu tal-prestazzjoni rikjesta mil-ligi mill-uzufruttwarju;

2. Illi Michael Chetcuti halla b'titolu ta' legat konsegwibbli wara mewt it-testaturi versu u favur bintu, Rodienne Chetcuti, kwalsiasi dritt ta' lokazzjoni tad-dar tar-residenza tat-testaturi, u l-uzufrutt ta' dak kollu li jjkun jinsab go fiha, mill-ghatba l-gewwa, a limine litntus, eskludi minn dan il-legat il-flus u deheb u oggetti simili, u kotba tal-banek, u strumenti li jistghu jissarfu fi flus, soggett dan il-legat li l-legatarja tibqa' tghix wahedha, pero' kemm -il darba tizzewweg u taghzel li tghix mal-genituri taghha jew wiehed mit-Testaturi, hija xorta wahda tircievi dan il-legat;

3. Illi t-Testatur innmina u istitwixxa bhala eredi universali u padrun assolut ta' gidu kollu wara mewtu, indaqs bejniethom lill-erba' (4) uliedu, Michelle Christine Grixti, Rodienne Chetcuti, Suzanne Camilleri u Karen Chetcuti, bis-sostituzzjoni volgari ghal uliedhom, u in mankanza, bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom;

4. Illi ghalkemm sar it-testment nhar it-tnejn (2) ta' Lulju, 2001, l-eredi Doris Chetcuti, li hija l-uzufrutwarju u ghandha it-tgawdija tal-beni kollha tal-mejjet Michael Chetcuti, qatt ma ddisponiet mill-kompitu li gie assenjat lilha hekk kif indikat fit-testment;

5. Illi Doris Chetcuti avvicinat diversi entitajiet bhall-HSBC u Global Capital Insurance fost l-ohrajn u iddisponiet mill-wirt ta' zewgha Michael Chetcuti minghajr il-firma necesserja tar-rikorrenti;

6. Illi r-rikorrenti ghadha sal-lum il-gurnata ma haditx is-sehem taghha bhala werrieta ta' missierha Michael Chetcuti skont il-ligi;

7. Illi r-rikorrenti interpellat diversi drabi lil intimati sabiex jghaddu is-sehem tal-wirt taghha skond il-ligi izda dawn baqghu inadempjenti.

**TALBIET**

Ghaldaqstant, rikorrenti umilment titlob, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi li dina l-Onorabbli Qorti, previa occorrendo kull dikkjarazzjoni ohra necessarja u opportuna, joghgobha:

1. **TORDNA u TIKKUNDANNA** sabiex l-intimati jghaddu is-sehem tal-wirt skond il-ligi lir-rikorrent;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma jibqghu ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimati kollha hlief Karen Chetcuti li eccepew kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament ir-rikorrenti kellha taghmel talba sabiex qabel xejn dina l-Onorabbli Qorti tiffissa u tistabbilixxi l-konsistenza ta' l-assi ereditarji ta' l-imsemmi Michael Chetcuti u dan billi tiddikjara li l-istess jikkonsistu f'dawk il-beni u sustanzi li jirrizultaw fil-kors tal-kawza kif ukoll li tiddikjara li l-istess beni huma pposjeduti mill-kontendenti f'dawk il-kwoti li ghad iridu jirrizultaw lil din l-Onorabbli Qorti u sabiex konsegwentement tordna d-divizjoni ta' l-assi ereditarji msemmija skond il-kwoti hekk stabbiliti u dan ad opera ta' perit jew periti li jigu mahtura, jekk ikun ik-kaz, ghal dan il-fini minn din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fil-mertu il-kontendenti dejjem kienu ghamlu dawk l-arrangamenti kollha mehtiega sabiex dak li seta jinqasam mill-assi ereditarji fil-fatt jinqasam u dan bil-kunsens u bl-approvazzjoni shiha tar-rikorrenti, u ghaldaqstant r-rikorrenti ma tistax, issa wara dan iz-zmien kollu, tippretendi li ssir xi divizjoni ta' assi li diga inqasmu u gew distribwiti anke bil-kunsens taghha;

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti ma jopponux u qatt ma opponew li ssir id-divizjoni mitluba mir-rikorrenti salv illi jigu verifikati l-assi in divizjoni u salv illi jigu verifikati wkoll il-kwoti spettanti lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti u kwindi ma ghandhom ihallsu l-ebda parti mill-ispejjes ta' din il-kawza;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.'.

Rat illi fil-verbal tas-17 ta' Mejju, 2016 a fol. 30 tal-process il-Qorti wara li semghet ix-xiehda ta' Karen Chetcuti ddikjarat li l-istess Karen Chetcuti hija kontumaci billi ma gabitx raguni valida ghad-dewmien fir-risposta taghha.

Rat l-affidavits, xiehda, testment, certifikati, ittri, kwerela, rapport, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-17 ta' Mejju, 2016 il-Qorti halliet il-kawza sabiex l-attrici tirregola ruhha fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata;

Rat illi fil-verbal tas-26 ta' Ottubru, 2017 il-Qorti regghet gibdet l-attenzjoni tar-rikorrenti ghal mod xejn ritwali kif inhu redatt ir-rikors guramentat u sabiex tirregola ruhhu dwar l-istess sad-differiment li jmiss;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta datat 3 ta' Lulju, 2018 a fol. 146A fejn il-Qorti nnominat li Dr Juliana Scerri Ferrante sabiex tezamina l-firem fuq id-dokumenti esebiti sabiex taghti l-accertamenti taghha dwar l-awtenticita tal-firma fuq il-prokura a fol. 70 tal-process. L-esperta nghatat il-fakulta' li zzomm is-seduta/seduti sabiex tisma x-xhieda tar-rikorrenti bil-gurament a fini tal-verifika u titlob ukoll demotu proprio dokumenti ohra li jidhrilha necessarji ghar-rapport taghha;

Rat ir-rapport ta' Dr Juliana Scerri Ferrante esebit a fol. 157 *et seq* tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 27 ta' Jannar, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjoniijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**<u>Fatti fil-Qosor:</u>**

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

1. Illi din hija kawza ta' divizjoni tal-beni tal-mejjet Michael Chetcuti li miet nhar is-6 ta' Lulju, 2008 (ara certifikat tal-mewt a fol. 111 tal-process).

2. Permezz ta' testment *unica charta* tat-2 ta' Lulju, 2001 fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion it-testatur Michael Chetcuti fit-tieni artikolu tal-imsemmi testment halla b'titolu ta' legat versu u a favur martu Doris Chetcuti l-uzufrutt u t-tgawdija tal-beni kollha tieghu, mobbili u mmobbli u ezenta lil-legatarja mill-obbligu tal-inventarju u tal-prestazzjoni rikjesta mill-ligi. Oltre dan il-legat, halla wkoll legat iehor a favur ta' bintu Rodienne, kwalsiasi dritt ta' lokazzjoni tad-dar tar-residenza tat-testatur, u l-uzufrutt ta' dak kollu li jkun jinsab fiha, eskluz flus, deheb u oggetti ohra simili u kotba tal-bank u strumenti li jistghu jissarfu fi flus pero' jekk kemm-il darba tizzewweg u taghzel li tghix mal-genituri taghha jew wiehed mit-testaturi hija xorta tircievi dan il-legat.

Fit-tielet artikolu tat-testment *unica charta*, it-testatur innomina u istitwixxa bhala eredi universali tieghu u padrun assolut ta' gidu lil erba' wliedu Michelle Christine, Karen, Rodienne u Suzanne ahwa Chetcuti (ara ricerki testamentarji pubblici a fol. 17 u 18 tal-process u testment a fol. 108 *et seq* tal-process).

3. Illi wara l-mewt ta' Michael Chetcuti jirrizulta li l-partijiet kollha marru ghand in-Nutar Joseph Debono sabiex jinqara t-testment tieghu. Dwar dan hemm qbil bejn il-partijiet. Madanakollu m'hemmx qbil dwar x'gie ffirmat quddiem l-istess Nutar Debono. Filwaqt li l-attrici tghid li hija ffirmat dokument relatat mat-testment, il-konvenuti jsostnu li bejn l-ulied kollha kien hemm qbil li l-assi tal-mejjet missierhom Michael Chetcuti kellhom jibqghu f'idejn l-omm u cioe' Doris Chetcuti u ghalhekk gie ffirmat att notarili b'dan li ppromettew li ma jaccedux ghal assi ta' missierhom Michael Chetcuti.

4. Mill-atti jirrizulta li l-konvenuta Doris Chetcuti fix-xhur sussegwenti zbankat l-assi kollha tal-mejjet zewgha Michael Chetcuti u dan bl-uzu ta' prokura li nghatat mill-ahwa Chetcuti (ara prokura a fol. 70 *et seq* tal-process). Wara l-izbank Doris Chetcuti ddisponiet minnhom skont il-bzonn taghha u dan peress li kien hemm dak il-qbil li l-assi tal-mejjet jinzammu minn Doris Chetcuti.

   L-attrici tikkontesta li hija ghaddiet prokura lil ommha Doris Chetcuti u li sar tali ftehim.

5. L-attrici Michelle Christine Grixti ghalhekk nhar id-29 ta' Frar, 2016 intavolat il-kawza odjerna fejn talbet lill-Qorti tordna u

tikkundanna lill-intimati jghaddu s-sehem tal-wirt taghha skont il-ligi.

6. Min-naha tal-konvenuti Suzanne Camilleri et fil-mertu laqghu ghal din it-talba billi sahqu li huma ghamlu l-arrangamenti kollha mehtiega sabiex dak li seta jinqasam mill-assi ereditarji fil-fatt jinqasam u dan bil-kunsens u approvazzjoni shih tar-rikorrenti u ma tistax issa wara daqstant zmien tippretendi li ssir xi divizjoni ta' assi li diga nqasmu u gew distribwiti anke bil-kunsens taghha. Di piu' bla pregudizzju qalu wkoll li l-konvenuti ma jopponux u qatt ma opponew li ssir id-divizjoni mitluba mir-rikorrenti salv li jigu vverifikati l-kwoti spettanti lil kull wiehed u wahda minnhom.

**<u>Eccezzjoni preliminari:</u>**

Permezz ta' l-eccezzjoni preliminari taghhom il-konvenuti Suzanne Camilleri et eccepew illi r-rikorrenti kellha taghmel talba sabiex qabel xejn il-Qorti tiffissa u tistabbilixxi l-konsistenza ta' l-assi ereditarji ta' l-imsemmi Michael Chetcuti u dan billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk il-beni u sustanzi li jirrizultaw fil-kors tal-kawza, kif ukoll li tiddikjara li l-istess beni huma pposjeduti mill-kontendenti f'dawk il-kwoti li ghad iridu jirrizultaw lil din il-Qorti u sabiex konsegwentement tordna d-divizjoni ta' l-assi ereditarji msemmija skont il-kwoti kemm stabbiliti u ad opera ta' perit jew periti li jigu mahtura jekk ikun il-kaz.

Illi jekk tinghata harsa lejn it-talba tal-attrici Michelle Christine Grixti jirrizulta li din hija wahda xejn ritwali fejn semplicement titlob lill-Qorti sabiex joghgobha:

> '1. **TORDNA u TIKKUNDANNA** sabiex l-intimati jghaddu is-sehem tal-wirt skond il-ligi lir-rikorrenti;'

Il-Qorti setghet tinnota li fil-mori tal-kawza kemm il-darba ngibdet l-attenzjoni tal-avukat difensur tal-attrici sabiex isiru l-korrezzjonijiet necessarji, madanakollu milli jidher dan waqa' fuq widnejn torox. Minhabba dan in-nuqqas il-Qorti hija rinfaccata b'eccezzjoni li l-kawza hija monka, sitwazzjoni li fl-opinjoni tal-Qorti bi ftit aktar attenzjoni setghet facilment tigi evitata!

Illi s-sub-artikolu 1 u 2 tal-Artikolu 156 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jistipulaw x'ghandu jkun fih ir-rikors guramentat. Hekk jaqra illi:

> '156. (1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –
>
> (a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;
>
> (b) ir-raġuni tat-talba;
>
> (ċ) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati; u
>
> (d) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:

"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi. Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża."

(2) Flimkien mar-rikors ġuramentat għandhom jinġiebu d-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba.'

Illi l-Artikolu 789 sub-artikolu 1 paragrafi (c) u (d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddisponu li eccezzjoni ta' nullita ta' att gudizzjarju tista' tinghata meta:

'789. (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –

(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;

(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;

(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;

(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:

Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.'

Dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 156 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili nghad fid-decizjoni fl-ismijiet **Malta Development Corporation -vs- Paul Licari** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' April, 2004 illi:

'Illi in tema legali jigi osservat li l-eccezzjoni in disamina hija bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 156 tal-Kap.12 li jimponi li c-citazzjoni "*ghandu jkun fiha: [a] tifsir car u sewwa ta' l-oggetti u r-raguni tat-talba*" u fis-sub inciz tieghu jiddisponi li "*[2] Flimkien mac-citazzjoni ghandhom jingiebu d-dokumenti mehtiega biex isahhu t-talba*".

Illi rigward l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu, u l-applikazzjoni tal-istess, il-gurisprudenza nostrana enuncjat is-segwenti principji:-

Huwa principju inderogabbli li l-azzjoni hi kontenuta fil-premessi u fit-talbiet li ghalihom iwasslu. Irid mhux biss jirrizulta dak in-ness guridiku bejn il-premessi u t-talbiet b' mod li jigu sodisfatti ir-rekwiziti tal-Art.156, imma hu wkoll mehtieg ad substantia et validitatem illi l-azzjoni tkun wahda kjarament identifikabbli fil-ligi, u dana fil-parametri ta' l-att

tac-citazzjoni kif redatt. L-Art.156 jimponi fuq l-attur li jidentifika l-oggett tal-kawza billi jiddikjara r-raguni ghaliex kien qed jitlob dak l-oggett u illi kemm l-oggett kif ukoll ir-raguni tkun imfissra car u sewwa [*App.* ***Raymond Galea vs Anthony Galea –30.03.1998; PA.Pietro Paolo Camilleri et vs Filippo Galea*** *– 06.06.1991*]

Illi dan kollu iservi ghax *"il citato deve conoscere quanto da lui si richiede dai termini delle domande e non dai documenti vhe vanno uniti alla citazione e da altro mezzo di prova che in sostegno delle domande potrebbero essere predatti e non a lui notificati"* [*PA 6.11.****1930 Bernardo Zammit vs Lorenzo Cassar noe; PA. 26.04.1951 Antonio Mizzi vs Stanley Chapman et*** *Vol.XXXX.II.399*]

Dan l-Artikolu pero' *"irceva fil-gurisprudenza taghna interpretazzjoni larga fis-sens li ma giex addottat fir-rigur li donnhom iridu jfissru l-kliem tal-istess dispostizzjoni"* ***[Vol.XXIX.I.431;XXXII.I.228;XXXIV.II.502]***. Il-ligi pero' ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni; bizzejjed jiftiehem x'ikun qieghed jitlob l-attur, b' mod <u>illi l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament</u> u sahansitra tista tkun anke indotta mid-domandi, u jekk ma tkunx cara bizzejjed fic-citazzjoni, bizzejjed tkun spjegata <u>fid-dikjarazzjoni</u> relattiva li, stante li ghandha tigi kunsidrata bhala haga wahda mac-citazzjoni ghandha konsegwentement tghin biex ticcara l-kawzali. [PA. ***Av.Dr.Carlo Moore noe vs ACE Carmelo Fiteni*** *– 15.12.1955; Vol.XLIII.II.748; Vol.XXX.I.228]; Qorti Kumm. [1989]* ***L-Avukat Dr.Stefan Frendo vs Philip Attard noe.*** *Vol.LXXIII.IV.972; Vol.LXXIV.II.406]*. Fil-kaz **Joseph Sammut et noe vs Lorenza**

**Agius** *[9 ta' Frar 2001]* l-Onorabbli Qorti tal-Appell osservat li "Il-Qrati taghna accettaw biss il-kriterju ta' l-ekwipollenza fil-kazijiet fejn il-kawzali ma tkun espressa sew fic-citazzjoni, imbaghad tirrizulta mid-dokumenti jew mid-dikjarazzjonijiet fil-kas ta' kawzali aktarx imfissra lakonikament [*vide PA.* ***Calleja vs Av.Dr.J.Herrera*** *5 ta' Ottubru 1992*]"

In-ness u t-test importanti huwa dak espress fil-kawza fl-ismijiet **Emma Scicluna vs Mary Xuereb et** *[Appell 22.05.1967]* fejn gie osservat li ghalkemm fic-citazzjoni l-kawzali tkun dedotta b'mod lakoniku, ic-citazzjoni ma tkun nulla jekk il-kawzali tkun imfissra tajjeb, u sakemm ma tkun difettuza talment li minhabba f'hekk il-konvenut jigi pregudikat ghaliex ma jkunx jista' jiddefendi ruhu *[PA.* **Dr.Stefan Frendo noe vs Philip Attard** *(CS) 19.06.1989]*

Madankollu il-prassi tal-Qrati nostrali, anke a bazi tal-emendi maghmula bl-Att XXIV tas-sena 1985, inkluz il-kontenut tal-Art.175 tal-kap.12 hija li, "il-formalizmu esagerat illi hafna gie imnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi formu li jinutnuh" *[App.28.02.1997* ***Charles Fino vs Alfred Fabri noe****]*, u konsegwentement "l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli" *[App.24.01.1964* ***Dr.Joseph Ellul vs Jos.G.Coleiro****] PA (RCP)* ***Maurizio Urso vs Fr.Charles Cini*** *19.01.1999]*.

In-nullita' tal-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid timposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta' citazzjoni

> ghandu jkun imwaqqa' u annulat biss ghal ragunijiet gravi [*PA* ***Alfred Vella et vs Agostino Camilleri*** *[1997] Vol.LXXXI.III.31*].'

Illi mbaghad dwar l-Artikolu 789 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni fl-ismijiet **K.B. Real Estate Limited -vs- Silvio Felice Limited** deciza nhar it-13 ta' Marzu, 2003 inghad illi:

> 'Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur;
>
> Illi fis-sentenza li għaliha għadha kemm saret riferenza ftit iżjed 'il fuq, il-Qorti qalet li "hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut";
>
> …B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet;'

Illi minn ezami tar-rikors guramentat jirrizulta li l-pern tal-azzjoni attrici huwa d-divizjoni tal-assi tal-mejjet Michael Chetcuti. It-talba

li ressqet l-attrici ghalkemm hija kemmxejn semplicistika u ma tinkludix *inter alia* talba sabiex il-Qorti tiffissa u tistabbilixxi l-konsistenza ta' l-assi ereditarji tal-mejjet Michael Chetcuti, u talba sabiex il-Qorti tistabbilixxi l-kwoti rispettiva tal-partijiet, xorta jirrizulta li l-konvenuti fehemu ezattament x'kien qed jintalab permezz tar-rikors guramentat. Fil-fatt ressqu l-quddiem eccezzjonijiet u provi li bihom laqghu ghat-talba. Mill-banda l-ohra, sabiex il-Qorti tasal sabiex tordna u tikkundanna lill-intimati jghaddu is-sehem tal-wirt skond il-ligi lir-rikorrenti, trid bilfors tistabbilixxi l-konsistenza tal-assi ereditarji ta' Michael Chetcuti, kif ukoll trid bilfors tistabbilixxi l-kwota li jmiss lil kull wiehed u wahda mill-eredi, b'dan li l-Qorti tista facilment taghmel dan fil-kunsiderazzjonijiet taghha u sussegwentament tghaddi sabiex tilqa' jew tichad it-talba skont il-kaz minghajr ma tohloq l-ebda pregudizzju lil xi parti jew ohra.

Ghalhekk filwaqt li l-Qorti tirribadixxi li din l-eccezzjoni facilment setghet tigi evitata mill-attrici li kieku r-rikors guramentat gie ntavolat b'talbiet aktar cari u diretti dwar dak li kien qed jintalab minn din il-Qorti u wkoll billi l-Avukat tar-rikorrenti meta nterpellata ghal aktar minn darba sabiex tikkoreggi dan in-nuqqas taghmel dak mitlub lilha, din il-Qorti izda ma tarax li jekk titkompla l-kawza bit-talba kif esposta l-konvenuti b'xi mod ser jigu pregudikati fid-difiza taghhom. Pjuttost bid-decizjoni ser jigu evitati duplikazzjoni ta' kawzi u jigu evitati spejjez. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni preliminari.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:</u>**

Illi fil-kawza odjerna tqum il-kwistjoni li l-partijiet kollha ftehmu quddiem in-Nutar Joseph Debono li l-assi tal-mejjet Michael

Chetcuti kellhom jigu percepiti minn Doris Chetcuti. L-attrici ma taqbilx ma' din it-tezi u fil-fatt tikkontesta li hija ffirmat xi dokument f'dan is-sens.

Fil-mori tal-kawza rrizulta li l-konvenuta Doris Chetcuti zbankat il-flus mill-bank u mill-assikurazzjoni permezz ta' prokura li nghatat lilha minn uliedha. L-attrici tikkontesta li hija tat xi prokura lill-ommha l-konvenuta Doris Chetcuti u di fatti wara rikors tal-attrici l-Qorti nnominat lil Dr Juliana Scerri Ferrante sabiex tezamina l-firem fuq id-dokumenti esebiti u taghti l-accertamenti taghha dwar l-awtenticita' tal-firma fuq il-prokura a fol. 70 tal-process.

Illi l-esperta Dr Juliana Scerri Ferrante ntavolat ir-rapport taghha nhar it-28 ta' Jannar, 2018 liema rapport gie mahluf nhar l-1 ta' April, 2019 u jinsab a fol. 157 *et seq* tal-process. L-esperta kkonkludiet li l-probabilità hi li l-firma hija ta' Michelle Christine Grixti:

> '**<u>Konkluzjoni</u>**
> Ghaldaqstant, fl-umli fehma tal-Esperta sottofirmata, jezistu bizzejjed similaritajiet bejn il-firma fuq il-prokura in kwistjoni u l-firem fuq id-dokumenti mghoddija lill-Esperta sabiex din tikkonkludi li l-probabilità hija li l-firma fuq il-prokura hija l-firma awtentika ta' Michelle Christine Grixti (0566177M).'

Illi din il-Qorti ma sabet xejn fl-atti li jista' jikkontesta l-konkluzjoni milhuqa mill-esperta nominata dwar il-firma tar-rikorrenti fuq din il-prokura u ghalhekk taghmel taghha din il-konkluzjoni.

Izda l-Qorti wara li rat l-atti kollha, partikolarment din il-prokura

tqis li irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk il-firma ta' Michelle Christine Grixti hijiex genwina jew le, l-fatt jibqa' li bil-prokura kull ma nghata bhala awtorita' lill-konvenuta Doris Chetcuti huwa li tizbanka l-flus u taghmel dak li huwa necessarju fir-rigward. Madanakollu ma jirrizultax li bl-istess prokura Doris Chetcuti nghatat l-awtorita' li zzomm ir-rikavat mill-imsemmija ammonti zbankati jew li b'xi mod taghmel taghha l-eredita' kollha ta' Michelle Chetcuti.

Il-konvenuti jinsistu li bejn il-partijiet sar ftehim quddiem in-Nutar. Jibda billi jinghad li kopja ta' dan l-allegat ftehim fl-atti ma tressqitx. Kull ma gie pprezentat hija kopja tal-prokura a fol. 70 tal-process li kif inghad precedentement taghti l-awtorita' lill-konvenuta Doris Chetcuti li tagixxi bhala mandatarju ta' uliedha mhux li taghmel taghha l-eredita' dovuta lilhom. Il-Qorti tqis li f'kaz li verament kien jezisti dan it-tip ta' ftehim li l-omm tiehu l-assi hi, il-minimu li kellhom jaghmlu l-konvenuti kien li jtellghu bhala xhud lin-Nutar Joseph Debono sabiex jikkonferma kemm il-firma fuq il-prokura, kif ukoll il-ftehim bejn il-partijiet – haga li m'ghamlux. Ghaldaqstant il-Qorti rinfaccjata b'tali cirkostanzi m'ghandiex ghazla ohra hlief li tghaddi sabiex tordna lill-konvenuti nkluz Doris Chetcuti sabiex jghaddu sehem l-attrici Michelle Christine Grixti lill-istess atrrici mill-wirt u successjoni ta' missierha Michael Chetcuti.

**<u>Assi tal-mejjet Michael Chetcuti:</u>**

Illi l-assi tal-mejjet Michael Chetcuti li jirrizultaw mill-atti huma s-segwenti:

i. Deheb – bejn il-partijiet m'hemmx qbil dwar il-konsistenza tad-

deheb tal-mejjet Michael Chetcuti. Filwaqt li l-attrici tallega li kien hemm ghadd ta' deheb – prova ta' dan id-deheb fl-atti ma gabitx. Da parti taghha l-konvenuta Doris Chetcuti mal-affidavit taghha ezibiet ritratt li fih jidher id-deheb li skont hi kellu l-mejjet Michael Chetcuti. Gjaladarba l-attrici ma gabitx prova tad-deheb il-Qorti tqis li giet biss pruvata l-ezistenza tad-deheb li jidher fir-ritratt a fol. 244 tal-process. Prova teknika tal-valur tal-istess deheb. L-attrici fl-affidavit taghha a fol. 38 tistma d-deheb elenkat minnha fis-somma ta' sitt elef u hames mitt Euro (€6,500). Madankollu mid-deheb imsemmi minnha fir-ritratt a fol. 244 jidhru biss erba' crieket, gizirina b'erba' 'lucky charms' li tinkludi s-salib zghir li jiddendel li semmiet l-istess attrici, zewg brazzuletti u zewg 'cufflings'. Jirrizulta ghalhekk li fil-kalkolu taghha l-attrici ziedet 'choker', erba' crieket, salib kbir tad-deheb, zewg arloggi, gizirana u tlett brazzuletti irqaq li ma ngabet l-ebda prova taghhom. In vista ta' dan il-Qorti ser tghaddi sabiex tistabbilixxi *arbitrio bono viri* l-valur tad-deheb pruvat fis-somma ta' tlett elef u hames mitt Euro (3,500).

ii. Polza tal-assikurazzjoni fuq il-hajja – Polza tal-assikurazzjoni mal-Global Capital Life Insurance Ltd li jirrizulta li ssarrfet fis-somma ta' elf mija erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) (ara x-xiehda ta' Michael Schembri a fol. 250 *et seq* tal-process u cekk a fol. 80 tal-process).

iii. Flus fil-kont HSBC Bank Malta plc bin-numru tal-kont 009-009234-050 fejn bhala bilanc finali jirrizulta li kien hemm l-ammont ta' erbat elef mija erbgha u tmenin ewro u erbgha u tletin centezmu (€4,184.34). Madanakollu l-Qorti ma tistax ma tinnutax li fil-jiem qabel ma gie nieqes Michael Chetcuti ngibdu fuq medda ta' 6 ijiem l-ammont ta' tlett elef ewro (€3000). L-ahhar zewg transazzjoni ta' hames mitt Euro saru dakinhar tal-mewt tad-decujus u l-ghada tal-

mewt ta' Michael Camilleri cioe' nhar is-7 ta' Lulju, 2008. Il-Qorti tqis allura li dawn l-ammont ta' elf Euro (€1,000) ghandu jizdied ma l-eredita' tal-mejjet stante li evidentement ingibdu mill-intimata b'ghan li jitnehhew mill-eredita' u jintuzaw minnha u zgur mhux ghal bzonnijiet tal-mejjet (ara fol. 94). Ghalhekk fil-komputazzjoni l-ammont li ser jigi mehud huwa dak ta' komplessiv tal-bilanc rimanenti fil-kont flimkien ma' elf Euro kif imsemmi total ta' hamest elef u seba' u tmenin Euro u hamsa u sittin centezmu (€5087.65) (ara xiehda ta' Alison Mifsud Brimmer a fol. 104 *et seq* tal-process u statements a fol. 92 *et seq* tal-process).

iv. Karozza tal-ghamla Toyota Tercer – il-konvenuta Doris Chetcuti ndikat li l-valur li nbieghet il-vettura kien dak ta' erbat elef ewro (€4000). Prova tad-dejn li kien jezistu fuq il-vettura ma ngabitx ghalhekk il-Qorti ma tistax tghaddi sabiex tnaqqas dan id-dejn (ara xiehda ta' Stephan Cachia – Awtorita' ta' Trasport f'Malta a fol. 83 *et seq* tal-process u dokumenti tat-trasferiment a fol. 67 *et seq* tal-process).

v. Mutur tal-hart – il-konvenuta ndikat li l-valur tal-mohriet li nbiegh kien dak ta' mitejn ewro (€200).

L-attrici semmiet ukoll li l-mejjet Michael Chetcuti kellu ammont konsiderevoli ta' ghodda tal-injam u tal-gebel pero' jinghad li prova ta' dawn l-ghodda u tal-valur taghhom ma ngabux fl-atti ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex ma tiehux in konsiderazzjoni tali allegazzjoni.

Total tal-assi huwa dak ta' tlettax-il elf, disa' mija u tnejn u hamsin Euro u erbgha u tletin centezmu (€13,952.34). **<u>Ghalhekk l-assi tal-mejjet Michael Chetcuti kienu jikkonsistu f'nofs dan l-ammont u</u>**

**cioe' sitt elef, disa' mija u sitta u sebghin Euro u sbatax-il centezmu (€6,976.17).**

**Sehem tal-attrici Michelle Christine Grixti:**

Illi t-testment tal-mejjet Michael Chetcuti tat-2 ta' Lulju, 2001 fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion a fol. 108 *et seq* tal-process fit-Tielet Artikolu jistipula s-segwenti:

> 'It-Tielet Artikolu
> Salv ghal dak premess izjed il-fuq, it-Testatur innmina u istitwixxa bhala eredi universali u padrun assolut ta' gidu kollhu wara mewtu, indaqs bejniethom, lill-erba' (4) uliedu li huma Michelle Christine; Karen; u Rodienne; xebbiet u lil Suzanne Camiller, mart George, bis-sostituzzjoni volgari ghal uliedhom, u in mankanza, bid-dritt tal-akkrexximent bejniehothom.'

Isegwi ghalhekk li l-attrici Michelle Christine Grixti ghandha s-sehem ta' ¼ minn sitt elef, disa' mija u sitta u sebghin Euro u sbatax-il centezmu (€6,976.17) mill-assi tal-mejjet Michael Chetcuti u cioe' jmissha **s-somma ta' elf, seba' mija u erbgha u erbghin Euro u erba' centezmi (€1744.04)**.

Ghalkemm l-intimata Doris Chetcuti sal-lum ghadha qed tgawdi l-uzufrutt skont it-testment tad-decujus fuq dawn l-assi, fir-risposta taghha jirrizulta li l-istess Doris Chetcuti ma opponietx ghad-divizjoni mitluba mir-rikorrenti.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati;
2. Tichad l-eccezzjonijiet rimanenti tal-inimtati sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;
3. Tilqa' t-talba attrici u tordna u tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' elf, seba' mija u erbgha u erbghin Euro u erba' centezmi (€1744.04) rapprezentanti sehem ir-rikorrenti mill-wirt u successjoni tal-mejjet missierha Michael Chetcuti.

Bl-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati f'sehem ta' 1/5 kull parti fil-kawza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**24 ta' Gunju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Gunju, 2021**